KUNSILL LOKALI
**MOSTA**
LOCAL COUNCIL

**Minuti tal-Laqgħa Nru 10 tas-Sitt (06) Kunsill Lokali tal-Mosta li nżammet fl-Uffiċċini Amministrattivi tal-istess Kunsill Lokali nhar il-Ħamis, 2 ta' Awwissu 2012 fis-7.30 ta' filgħaxija.**

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

| | Ħin Dħul | Ħin Ħruġ |
|---|---|---|
| Dott. Shirley Farrugia (Sindku) | 7.30p.m. | 10.30p.m. |
| Is-Sur Joseph De Martino (Viċi-Sindku) | 7.30p.m. | 10.30p.m. |
| Il-Kunsillier Alexander Muscat | 7.40p.m. | 10.30p.m. |
| Il-Kunsillier Abraham Bezzina | 7.30p.m. | 10.30p.m. |
| Il-Kunsillier Dott. Rachel Tua | 8.15p.m. | 8.45p.m. |
| Il-Kunsillier Mario Sammut | Ma setax jattendi minħabba emerġenza fuq ix-xogħol. | |
| Il-Kunsillier Kirby Fenech | Skużata – xogħol. | |
| Il-Kunsillier James Cassar | 7.34p.m. | 10.30p.m. |
| Il-Kunsillier Keith Cassar | 7.45p.m. | 10.30p.m. |
| Il-Kunsillier David Meilak | 7.45p.m. | 10.30p.m. |
| Il-Kunsillier Marthese Mifsud | 7.45p.m. | 10.30p.m. |

Is-Sindku Dott. Shirley Farrugia mexxiet il-laqgħa.

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv, is-Sur John J. Camilleri kien preżenti għall-laqgħa.

Il-Laqgħa bdiet fis-7.45 ta' filgħaxija wara li fis-7.30 kien għadu ma ntlaħaqx il-kworum u s-Sindku tat nofs siegħa fuq il-ħin.

**1.00 Approvazjoni tal-Minuti tal-Laqgha Nru.9 li saret il-Ħamis, 5ta' Lulju, 2012.**

Il-minuti ttieħdu bħala moqrija u ġew approvati b'dawn il-korrezzjonijiet:

1.01 F'*item* 2.06 żdiedu l-kliem "**Is-Sur Demartino qal li...**" fill-bidu ta l-aħħar sentenza ta l-ewwel paragrafu.

1.02 It-tieni sentenza ta *item* 6.01 inbidlet u ġiet taqra hekk: **"Huwa qal ukoll li boroż griżi ta' skart riċeklabli għandhom jinġabru biss skond il-ġurnata tagħhom."**

**2.00 Punti Mqajjma mill-Minuti**

**2.01** Dwar *item* 2.01 – Permessi għal-bini f'Wied il-Għasel - Is-Sindku Dott. Shirley Farugia infurmat li kienet saret laqgħa mar-rapreżentanti ta' Patrimonju Mosti. Patrimonju Mosti reġgħu għamlu appell ieħor kontra d-deċiżjoni tal-MEPA. Il-Kunsill Lokali tal-Mosta kien jaqbel li ma' hux aċċettabli li jsir dan l-iżvilupp fejn ma hemx provdut biżżejjed parking għaż-żjieda fl-ammont ta' vetturi li dan il-proġett kien ser joħloq. Dawn il-vetturi kienu ser jispiċċaw jżidu d-domanda għal-parkeġġ fuq Triq il-Kostituzjoni.

Is-Sindku qalet li ntbagħtet ittra oħra ta' oġġezzjoni lill-MEPA dwar dan in-nuqqas ta' spazju għal-parkeġġ u tqassmet kopja ta' din l-ittra lill-Kunsilliera.

**2.02** Dwar *item* 2.04 – Inkjesta dwar Triq id-Dawr u Triq l-Istrinġell – Is-Sindku nfurmat li kien wasal r-rapport tal-bord tal-inkjesta u dan kien qed jitqassam lill-Kunsilliera. Ġie deċiż unanimament li ssir laqgħa oħra tal-Kunsill nhar il-Erbgħa, 8 ta' Awwissu, 2012 sabiex jiġi diskuss dan ir-rapport. L'Agenda ta' din il-laqgħa għandha tkun biss (1) Rapport tal-Bord tal-Inkjesta dwar Triq d-Dawr, u (2) Rapport Finanzjarju- 31/03/2012, 31/05/2012 u *Management Report* tal-Awdituri.

**2.03** Dwar *item* 2.06 - Parkeġġ illegali ta' *coaches* fi Pjazza Rotunda – Is-Sindku infurmat li wara li kienu tpoġġew Wardens quddiem il-knisja fi Pjazza Rotunda il-coach drivers ma baqgħux jieqfu quddiem il-knisja. Dan is-servizz tal-Wardens sar għal-ġimgħa sħiħa bi skop li jedukaw javżaw xufiera tal-coaches tat-turisti biex iniżżlu t-turisti u jmorru jipparkjaw f'post ieħor. Saret laqgħa mas-Sur Pule u mas-Sur Ivan Pierre Vella ta' Transport Malta bl-iskop li jiġi identifikat post fejn jistgħu jipparkjaw il-*coaches* wara li jniżżlu t-turisti quddiem il-knisja.

**2.04** Dwar *item* 2.03 – Servizz ta transport publiku ta l-'Arriva' fiż-żona ta' Santa Margerita – Inqrat risposta mingħand s-Sur Ivan Pierre Vella fejn dan qal li jridu jsiru xi xogħolijiet ta' alterazjonijiet fil-bankini qabel ikun jista jibda jingħata dan is-servizz.

**3.00 Materji Finanzjarji.**

3.01 Ġew ippreżentati u approvati unanimament listi ta' pagamenti, ordnijiet ta' xogħol, u introjtu ta' finanzi.

Dwar pagament nru. 191 –ħlas ta kera għal-*garages* fiż-Żokrija, l-Kunsill qabel li kien hemm il-bżonn li tittieħed deċiżjoni jekk il-Kunsill għandux jibqa jikri dawn il-*garages*. Il-Kunsillier Keith Cassar għandu jispezjona dawn il-*garages* u jirraporta lura lill-Kunsill.

3.02 Ġie ippreżentat wkoll *statement* tan-nefqa li kienet saret biex ġie organizzazzat l-aħħar 'Mosta Dome Fest' u dan kien juri li kien hemm żbilanċ u li kien baqa ammont ta' pagamenti pendenti. Ġie deċiż li dan l-item jerġa jiġi diskuss f'laqgħa oħra meta tkun preżenti l-Kunsilliera Kirby Fenech.

**4.00 Korrispondenza.**

Ġiet ippreżentata lista ta' 11 *items* ta' korrispondenza għal-konsiderazjoni tal-Kunsill kif jidher fil-lista annessa. Id-deċiżjonijiet ukoll jinstabu fil-lista annessa.

4.01 Dwar Ittra Nru 4 – Talba għal-użu ta Ġnien l-Għarusa tal-Mosta sabiex isir tieġ – Ġie deċiż li l- Kunsillier James Cassar jieħu ħsieb din it-talba.

4.02 Dwar Ittra Nru 5 –Avviż ta' smiegħ mit-Tribunal Industrijali dwar il-kwestjoni ta l-ex-kuntrattur tal-Kunsill is-Sur Marco Briffa – Wara li s-Sindku iddikjarat li preżenti għal-Laqgħa kien hemm min għandu *conflict of interest*, il-Kunsillier Dott. Rachel Tua staqsiet jekk kienitx qed tirreferi għaliha. Is-Sindku talbet lill-Kunsillier Dott. Rachel Tua sabiex tirtira mill-kamra tal-laqgħa minħabba allegat każ ta' *conflict of interest* għaliex r-rikors kontra l-Kunsill kien iffirmat minn Dott. Sarah Tua li tiġi oħt l-istess Dott. Rachel Tua. Is-Sindku ssostanzjat dan billi ikkwotat mill-liġi tal-Kunsill. Il-Kunsillier Alex Muscat qal li s-Sindku ma kelliex dritt tkecci lill Dr. Tua.

Dott.Tua ipprotestat bil-qawwa dwar dan l-allegat '*conflict of interest*' u irtirat mill-Kamra bill-kliem "*Count me out*" indirizzati lejn l-Agent Segretarju Ezekuttiv. Wara ftit tal-ħin Dott. Rachel Tua reġgħet daħlet fill-kamra tal-Kunsill u sar battibekk qawwi bejn il-Kunsilliera preżenti. Dott. Tua baqgħet tinsisti li hija ma kelliex '*conflict of interest*' u li għall-kuntrarju kien dmir tagħha li tiddefendi u taqbeż għas-Sur Marco Briffa. Hija iddikjarat ukoll li ma kellha l-ebda relazjoni professjonali ma oħta Dott. Sarah Tua. Hi qalet li hija ġtandha dritt titkellem aktar għaliex ġabet aktar l'aktar voti.

Dott. Rachel Tua qalet li l-Agent Segretarju Eżekuttiv ma kienx għaddielha kopji tal-'*payslips'* u dokumenti oħra tas-Sur Marco Briffa meta dawn ġew mitluba lilu. L-Agent Segretarju Eżekuttiv irrisponda li ma kienu jeżistu l-ebda '*payslips*' tas-Sur Briffa għaliex is-Sur Briffa ma kienx impjegat tal-Kunsill, kif dejjem kienet qed tinsisti Dott. Tua, iżda kien Kuntrattur 'b'*tender*' bħall Kuntratturi l-oħra li għandu l-Kunsill.

Wara dan il-battibekk, s-Sindku ddikjarat li la darba s-Sur Briffa kien għazel li jressaq il-każ tiegħu quddiem it-Tribunal Industrijali, ma kienx hemm lok iżjed li jiġi diskuss u li jinħarġu dokumenti dwar dan il-każ u dan għandu jitħalla f'idejn l-avukat tal-Kunsill biex jiġi trattat quddiem it-Tribunal Industrijali. Wara dan il-Kunsillier Dott. Tua reġgħat irtirat mill-Laqgħa.

**5.00** ***Sejħa għal Expression of Interest – Playgrounds.***

5.01 Ġie deċiż unanimament li tinħareġ sejħa għal *expression of interest* sabiex jiġu *upgraded* il-playgrounds taż-Żokrija, Blata l'Għolja, Santa Maargerita, u ta' Triq iz-Zakak (ta' fuq il-ġibjun). Għandhom jinbdew l-ewwel dawk taż-Żokrija u tal-Blata l-Għolja.

5.02 Ġie deċiż li l-Mepa jiġu nfurmati li Ġnien Reggie Cilia ma kienx ser isir kif maħsub u għalhekk l-fondi allokati għall-dan il-ġnien għandhom jgħaddu lura fil-fond tal-UIF li jappartjenu għall-Kunsill Lokali tal-Mosta.

**6.00** **Attivita – Jum il-Mosta.**

Is-Sindku infurmat li Jum il-Mosta ser isir il-Ħadd 16 ta' Settembru flimkien ma Car Free Day. Ser isiru attivitajiet matul il-ġurnata kollha li jinkludu esebizjoni ta prodotti tas-saħħa, attivitajiet sportivi, u ġirja bir-roti. Ġie deċiż li jingħalqu it-toroq mis-City Bar san-Nelson Restaurant fi Triq il-kbira u min Alistair lejn il-Pjazza fi Triq il-Kostituzzjoni.

Iċ-ċerimonja ta l-Onorefiċenza ta' Ġieħ il-Mosta ser issir filgħaxija fil-Pjazza tar-Rotunda u wara isir riċeviment fuq il-bejt tal-Kunsill.

**7.00** **Ġieħ il-Mosta – Sejħa għan-nominazzjonijiet.**

7.01 Ġie deċiż unanimament li l-Kunsill joħroġ is-sejħa għal-nominazjonijiet ta' Ġieħ il-Mosta lill-għaqdiet kollha tal-Mosta. Dawn għandhom jagħlqu fit-30 ta Awwissu u wara issir l-ivvetjar tan-nomini mill-Kumitat tal-Kultura. Id-deċiżjoni ta' min għandu jintgħażel issir fil-laqgħa tal-Kunsill fis-6 ta' Settembru. Sar qbil unanimu li dan l-unur jingħata lill mhux aktar min żewġ persuni u li għandhom jingħataw wkoll għarfien ta' ringrazzjament lill mhux aktar min tliet persuni.

**8.00 Archaeotour – ARK 05/11 Tender for the Services of an Architect.**

8.01 Il-kunsill approva unanimament ir-rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Aġġudikazjoni għall-ingaġġ tal-Perit David Mifsud Parker għall-proġett Archaeotour.

**9.00 Affarijiet Oħra.**

9.01 Il-Kunsillier Keith Cassar ippropona u ġie approvat unanimament li isir ħasil tal-madwar tal- Pjazza Rotunda sabiex jitneħħa l-ħmieġ u tbajja ta' wara l-festa.

9.02 Dwar munżelli ta' żibel li qed jinħolqu qabel isir il-ġbir tal-iskart domestiku, s-Sindku Dott. Shirley Farrugia infurmat li saret laqgħa oħra mal-kuntrattur u dan intalab jippreżenta lill-Kunsill lista ta' postijiet fejn irid jinġabru l-boroż dan l-iskart minħabba li t-trakk taż-żibel ma jistax jidħol fit-triq.

9.03 Il-Kunsillier Alexander Muscat talab li jsir użu mill-Green Wardens pajżana u ssir ukoll sorveljanza fuq min jabbuża u joħroġ klieb iħamġu barra fit-toroq. Huwa talab ukoll sabiex isir *patching* tat-toroq Ġnejna, Short, il-Qares u Mitrovich.

9.04 Il-Kunsilliera Marthese Mifsud talbet u ġie approvat li tagħmel attivita ta' ħarġa għal-Għawdex għall-anzjani. Il-Kunsill approva li jkopri l-ispejjeż tat-transport.

**10.00 Għeluq tal-Laqgħa.**

Il-Laqgħa spiċċat fil-10.30 ta' filgħaxija u aġġornat għal-Erbgħa 8 ta' Awwissu, 2012 b'agenda ta' żewġ items biss. Diskussjoni dwar rapport tal-Bord tal-Inkjesta ta' Triq id-Dawr u Triq Strinġell u Rapporti Finanzjarji.

**Dott. Shirley Farrugia**
**Sindku**

**John J. Camilleri**
**Aġent Segretarju Eżekuttiv**